**MALTA**

**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**MR. HENRY JAMES PEARSALL**

**Illum 4 ta' Dicembru 2017**

**Rikors Numru 11/2017**

**Nikola Greifeld**

**Vs**

**Ministeru ghall-Finanzi u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2017 gie korrett ghal "Ministru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment" u Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Nikola Greifeld** ipprezentat fit-3 ta' Frar 2017 li permezz tieghu ippremettiet s-segwenti:-

***"Il-Fatti li taw lok għal dan l-appell***

1. *Illi l-esponenti giet tghix Malta mill-Italja u xtaqet li tirregistra l-vettura taghha u cioe Kia Ceed bin-numru ta' registrazzjoni EL251LX f' Malta u b' hekk tinghata ezenzjoni mill-Vehicle Registration Tax;*
2. *Illi l-esponenti talbet informazzjoni minn ufficjali ta' Transport Malta u dawn irrispondewha permezz ta' email fejn annettew ukoll il-formola relattiva li kellhya tintuza u cioe l-formola VEH07 (Transfer of Reesidence – Application for Exemption from Motor Vehicle Registration Tax);*

3. *Illi l-esponenti applikat permezz ta' din il-formola izda sussegwentement hija giet infurmata li dik il-formola kienet outdated u l-applikazzjoni ma setghetx tintlaqa;*
4. *Illi b' hekke sussegwentement l-esponenti regghet applikat permezz ta' fomrola gdida;*
5. *Illi din id-darba pero, permezz ta ittra datata 16 ta' Jannar 2017 (hawn annessa), hija giet infurmata li l-applikazzjoni taghha kienet fuori termine.*

***L-Aggravji tal-appellanti***

*L-aggravju huwa ċar u manifest u principarjament jikkonsisti fil-fatt li l-esponenti ma ghandhiex issofri hija kawza tat-traskuragni u/jew negligenza tal-ufficjali tad-dipartiment koncernat.*

***Talba***

*Għaldaqstant u in vista tas-su-espost, l-appellanti, filwaqt li tirriżerva d-dritt li tipproduċi l-evidenza tagħha quddiem dan l-Onorabbli Tribunal u li tagħmel kwalunkwe sottomissjoni ulterjuri, titlob bir-rispett illi dan l-istess Tribunal jogħġbu jannulla, jħassar u jirrevoka "in toto" id-decizjoni tal-Ministeru tal-Finanzi hawn appellata u datata l-16 ta ' Jannar 2017 bl-ispejjeż kontra l-intimati."*

Ra r-risposta ta' **Transport Malta** upprezentata fl-14 ta' Frar 2017 li permezz taghha ippremettiet s-segwenti:-

*"1. Illi, preliminarjament, ma jezisti ebda "Ministeru tal-Finanzi" izda jezisti biss "Ministru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment" li r-rapprezentanza guridika tieghu hija vestita fil-Ministru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment u kwindi r-rikors tal-appell, inkwantu dirett kontra 'Ministeru' inezistenti, huwa monk, ineffikaci u kolpit b'nuqqas li, f'dan l-istadju, mhuwiex sanabbli ghaliex kwalsijasi rikors ghall-korrezzjoni, anke kieku kellu jigi akkolt, ikun ifisser inevitabilment illi l-appell (kif korrett) ikun fuori termine.*

*2. Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-suespost, ir-rispondenti Transport Malta mhijiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u dana peress illi kwalunkwe decizjoni mehuda in konnessjoni mal-applikazzjoni tar-rikorrent ghall-ezenzjoni mill-hlas tat-taxxa ttiehdet unikament mill-intimati l-ohra, huma jew min minnhom, u in oltre l-Awtorita' esponenti m'ghandha ebda sehem la fil-konsiderazzjonijiet u lanqas fid-decizjonijiet ta' tali talbiet ghall-ezenzjoni. Ghaldaqstant l-Awtorita' rispondenti ghandha tigi liberata ab observantia bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent u dan anke fuq l-iskorta ta' gurisprudenza pacifika ta' dan l-Onorabbli Tribunal fosthom, inter alia, is-sentenzi fl-ismijiet 'Lorenzo Casu -vs- Chairman- Transfer of Residence Exemption Board et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-2 ta' Dicembru, 2016); 'Balbinder Malki Twana -vs- Awtorita' ghat-Trasport f'Malta et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-18 ta' Mejju, 2015) u 'Claudia Carmicio -*

*vs- Ministeru tal-Finanzi et' (Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fil-11 t'Ottubru, 2016).*

*3. Illi sussidjarjament u assolutament bla ebda pregudizzju ghall-premess l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent kontra l-Awtorita' esponenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi r-rikorrent ma jissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti tal-ligi sabiex ikun ezentat mill-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni.*

*4. Illi sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan peress illi d-decizjoni in kwistjoni hija legali, gusta u ghandha tigi kkonfermata.*

*5. Illi f'kull kaz l-Awtorita' rispondenti m'ghandhiex tigi akkollata bl-ispejjez ta' din il-procedura. "*

Ra r-risposta tal-**Ministru tal-Finanzi** ipprezentata fit-28 ta' Frar 2017 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"Illi l-esponent qua appellat sejjer bil-preżenti risposta jwieġeb għar-rikors tal-appell interpost mill-appellanti Nikola Greifeld li permezz tiegħu talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jannulla, jħassar u jirrevoka "in toto" id-deċiżjoni tal-Ministeru tal-Finanzi datata 16 ta' Jannar 2017 (vide* ***Dok. A****);*

*Illi l-appell devolut quddiem dan l-Onorabbli Tribunal huwa prinċipalment mfassal fuq l-aggravju li r-rikorrenti ssottomettiet l-applikazzjoni għall-eżenzjoni oltre t-terminu statutorju previst fir-regolament* ***4(3)(e) tal-L.S. 368.01*** *għaliex ġiet żgwidata mill-Awtorità intimata fis-sens li r-rikorrenti ġiet diretta mill-awtorità sabiex tissottometti applikazzjoni li wara rriżulta, skont informazzjoni mogħtija lilha mill-istess Awtorità, li kienet outdated u b'hekk l-esponenti reġgħet applikat pemezz ta' formola ġdida dejjem skont id-direzzjoni tal-istess Awotorità intimata;*

*Illi l-esponent jirrileva li huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward ta' dak li qed jiġi allegat mir-rikorrenti li wettqet l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għaliex il-Ministeru tal-Finanzi huwa totalment distint mill-Awtorità tat-Trasport f'Malta u għalhekk anqas hu edott mill-fatti tal-każ f'dak ir-rigward;*

*Illi in ogni caso l-esponent ma rċeviex, bħal ma ġieli irċieva, l-ewwel formula allegatament outdated li skont ir-rikorrenti hija kienet issottomettiet ma l-Awtorità ntimata;*

*<u>Illi l-esponent lest li jirregola ruħu fuq l-applikabbilita o meno tar-regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01 fil-każ tar-rikorrenti malli jkollu f'idejh din l-ewwel formola li allegatament ġiet sottomessa mir-rikorrenti</u>;*

*Illi fin-nuqqas l-esponenti għandu s'intendi joqgħod fuq <u>l-applikazzjoni tar-rikorrenti sottemessa fit-2 ta' Awwissu 2017</u> hawn annessa u mmarkata* ***Dok. B****;*

*Illi f'din l-applikazzjoni r-rikorrenti għal xi raġuni naqset milli tniżżel il-jum tax-xahar ta' Lulju li fiha ittrasferiet ir-residenza f'Malta;*

*Illi kien għalhekk li permezz ta' e-mail hawn annessa u mmarkata* ***Dok. C*** *l-esponenti kif rappreżentat mis Sur Cesare Grech staqsa lir-rikorrenti sabiex tiddikjara id-data li fiha trasferiet ir-residenza tagħha f'Malta;*

*Illi kif jidher fl-istess e-mail, ir-rikorrenti kkonfermat li hija <u>ttrasferiet ir-residenza tagħha f'Malta fit-30 ta' Ġunju 2016</u>;*

*Illi jsegwi għalhekk li r-rikorrenti issottomettiet l-applikazzjoni tagħha tlett ijiem wara t-terminu kontemplat fir-**regolament 4(3)(e) tal-L.S. 368.01** u ċioè dak ta' tletin jum mit-30 ta' Ġunju 2016 li hija d-data li fiha r-rikorrenti stess iddikjarat fl-e-mail mibgħuta minnha li trasferiet r-residenza tagħha f'Malta;*

*Illi r-**regolament 4(4)(a) tal-L.S. 368.01** jippreskrivi li "L-eżenzjoni ... m'għandhiex tingħata meta – (a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3)". Għaldaqstant ladarba l-appellanti ma ssodisfatx ir-rekwiżit stabbilit fl-imsemmi regolament 4(3)(d), l-esponent appellat ma kellux triq oħra ħlief li ma jagħtix l-eżenzjoni kif fil-fatt hekk għamel permezz tad-deċiżjoni hawn attakkata;*

*Illi fid-dawl ta' dak fuq espost joħroġ li l-aggravju mqajjem mir-rikorrenti appellanti ma huwiex attendibbli u għalhekk għandu jiġi respint;*

*GĦALDAQSTANT, in vista ta' dawn ir-raġunijiet, l-esponent jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiċħad it-talbiet tal-appellanti bl-ispejjeż kontra tagħha."*

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti u ta' Francis Attard,

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassitha aggravata b'decizjoni mahruga mit-*Transfer of Residence Exemption Board* (iktar 'il quddiem imsejjah "Il-Bord") datata 16 ta' Jannar 2017 li permezz taghha giet mgharrfa bis-segwenti:-

*"Reference is made to your application for an exemption under article 19 of the Motor Vehicle Registration and Licensing Act (Cap. 368) (Transfer of Residence) and Regulation 4 of the Exemption from Motor Vehicle Registration Tax Rule (S.L. 368.01).*

*Following assessment of your application, it is regretted that this Ministry cannot accede to your request in terms of Legal Notice 440 of 2013 under rule 4(3)(e) which stipulates that "where the person has transferred his residence to Malta and the vehicle has already arrived in Malta, the application for exemption is to be made within thirty days from the date on which the person had transferred his residence to Malta".*[1]

Illi **r-rikorrenti** xehdet illi hija u zewgha waslu Malta fit-18 ta' Dicembru 2015 u bdew jaraw ftit jekk kinux jistghu jissetiljaw hawn Malta. Fi zmien cirka tliet xhur kemm hi u kemm zewgha sabu impjieg u ghalhekk iddecidew li se jibqghu hawn Malta u applikaw ghall-permess ta' residenza. Tispjega li l-vettura kienet diga hawn Malta u li kienet taf li kellha tletin (30) gurnata biex tapplika ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. Ghalhekk fit-30 ta' Gunju 2016 hija applikat ghall-permess ta' residenza u fis-27 ta' Lulju 2016 applikat ghall-ezenzjoni. Tispjega illi pero` l-formola mibghuta lilha minn Transport Malta u sottomessa minnha kienet verzjoni antika u ghalhekk rapprezentant ta' Transport Malta ikkuntattjatha biex timla l-verzjoni korretta. Tispjega illi l-ewwel formola hija ssottomettieta fis-27 ta' Lulju 2016 peress li kienet infurmata minn rapprezentanti ta' Transport Malta li ried ikollha f'idejha l-permess ta' residenza biex tapplika ghall-ezenzjoni tat-taxxa. Ghalhekk meta rceviet il-permess tar-residenza hija applikat ghall-ezenzjoni.

Ix-xhud spjegat li wara li kienu kkuntattjawha minn Transport Malta hija regghet issottomettiet applikazzjoni gdida fit-3 ta' Awissu 2016. Tispjega li sussegwentement irceviet ir-rifjut ghall-ezenzjoni peress li giet infurmata li kienet applikat oltre t-terminu ta' tletin gurnata minn meta iddikjarat li hadet ir-residenza taghha hawn Malta. Mistoqsija mit-Tribunal ir-raguni ghala fl-ewwel formula hija ddikjarat li hadet ir-residenza taghha f'Dicembru 2015 u fit-tieni formula nizzlet Lulju 2016 hija spjegat li fit-tieni formula kienet nizzlet hekk peress li hija kienet irceviet ittra biex tigbor il-permess tar-residenza fid-19 ta' Lulju 2016. Tghid li hija kienet hadet zball fl-ewwel

[1] Dok A a fol. 16

applikazzjoni peress li hasbet li riedet tnizzel id-data ta' meta ghamlet il-kuntratt tal-kiri tal-flat taghha hawn Malta.

**Francis Attard**, Cermen tal-Bord, xehed illi persuna li titrasferixxi r-residenza taghha hawn Malta u ggib maghha vettura, tista' tapplika ghall-ezenzjoni tat-taxxa ta' registrazzjoni billi timla applikazzjoni, u cioe` l-formula VEH 07 u tissottomettiha lil Transport Malta. Sussegwentement Transport Malta tibghat il-formula lill-Ministeru tal-Finanzi. L-applikazzjoni mbaghad tigi kkunsidrata minn Bord *ad hoc* li jezamina jekk il-persuna tikkwalifikax jew le ghall-ezenzjoni. Jispjega li l-ewwel applikazzjoni sottomessa mir-rikorrenti qatt ma waslet fil-Ministeru. Madankollu, jispjega, illi anke kieku l-istess applikazzjoni waslet ghand il-Ministeru, xorta kienet tigi rifjutata peress li r-rikorrent iddikjarat li hadet ir-residenza taghha hawn Malta fit-18 ta' Dicembru 2015 u l-vettura waslet hawn Malta f'Dicembru 2015 ukoll. Jispjega li l-Ministeru ircieva t-tieni applikazzjoni u cioe` dik sottomessa f'Awwissu 2016. Fir-rigward tat-tieni applikazzjoni jispjega li l-Bord kien staqsa lir-rikorrenti id-data ezatta meta ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta u hi wiegbet li ghamlet dan fit-30 ta' Gunju 2016. Ghalhekk huwa jispjega li l-applikazzjoni giet sottomessa oltre t-tletin gurnata minn meta ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta u giet rifjutata.

**Ikkunsidrat:**

Illi t-Tribunal se jibda biex jindirizza l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni l-Awtorita` eccepiet illi ma jezisti ebda "Ministeru tal-Finanzi" izda jezisti biss "Ministeru ghall-Finanzi, Ekonomija u Investiment" li r-rapprezentanza guridika tieghu hija vestita fil-Ministru. Illi fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2017 ir-rikorrenti talbet korrezzjoni f'dan is-sens, liema talba giet milqugha minn dan it-Tribunal. Illi t-Tribunal ma jaqbel xejn mas-sottomissjoni tal-Awtorita` intimata li tali korrezzjoni tirrendi dan ir-rikors *fuori termine*. Kwindi din l-eccezzjoni qieghdha tigi michuda.

Fit-tieni lok l-Awtorita` intimata eccepiet li hija mhix il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi dan it-Tribunal kellu diversi okkazjonijiet fejn irribadixxa li l-Awtorita` intimata m'ghandha x'taqsam xejn mad-decizjoni appellata siccome` huwa l-Bord mahtur *ad hoc* mill-Ministru intimat li ghandu l-poter jiddeciedi l-

applikazzjonijiet in dizamina. Ghaldaqstant qieghed jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju b'dana illi l-istess Awtorita` intimata ghandha tixtarr sewwa dak li se jinghad aktar 'il quddiem.

Illi mill-atti jirrizulta illi r-rikorrenti ssottomettiet zewg applikazzjonijiet ghall-ezenzjoni mit-taxxa ta' registrazzjoni. L-ewwel applikazzjoni, mghoddija lir-rikorrenti mill-Awtorita` intimata innifisha, irrizulta li kienet verzjoni antika li kien giet sostitwita b'verzjoni ohra. Madankollu jirrizulta illi r-rikorrenti kienet lahqet issottomettiet l-istess applikazzjoni. Ghaldaqstant hija giet infurmata biex tissottometti l-verzjoni korretta filwaqt li l-ewwel applikazzjoni giet ritornata liha.

Illi fl-ewwel applikazzjoni, liema applikazzjoni qatt ma ghaddiet ghand il-Bord, jirrizulta illi r-rikorrenti iddikjarat illi hija ttrasferiet ir-residenza taghha hawn Malta **fit-18 ta' Dicembru 2015** u li l-vettura taghha waslet hawn Malta f'Dicembru 2015.[2] Din l-applikazzjoni giet sottomessa ghand l-Awtorita` intimata fis-27 ta' Lulju 2016. Illi t-Tribunal jinnota illi fl-ewwel pagna tal-applikazzjoni u cioe` fil-parti intitolata "Information On Applicability" wiehed isib id-definizzjoni ta' "transfer of residence" li hija *"the actual transfer of the normal residence of a person from a place outside Malta to a place in Malta."* Illi ghalhekk it-Tribunal jinnota illi ghalkemm il-verzjoni tal-applikazzjoni kienet wahda zbaljata, xorta r-rikorrenti kellha gwida cara ta' xi tfisser trasferiment ta' residenza.

Illi wara li r-rikorrenti gie mgharrfa li kellha terga' tissottometti applikazzjoni ohra, hija ghamlet hekk fit-3 ta' Awissu 2016. Pero' din id-darba hija ghazlet li tiddikjara li ttrasferiet ir-residenza taghha **f'Lulju 2016**. Hija tispjega li ghamlet dan peress li fl-ewwel applikazzjoni hija nizzlet id-data ta' meta ghamlet il-kuntratt tal-kirja tad-dar bhala d-data li fih hadet ir-residenza taghha hawn Malta. Pero` tispjega li sa dak iz-zmien kienet ghadha ma tafx hux se tibqa' hawn Malta. Tispjega li hija stenniet sa Lulju 2016 biex tapplika ghall-ezenzjoni peress li hasbet li kellha bzonn iggib il-permess ta' residenza, liema permess applikat ghalih fit-30 ta' Gunju 2016. Tispjega li fit-tieni applikazzjoni nizzlet Lulju 2016 bhala x-xahar meta ittrasferiet ir-residenza taghha peress li madwar it-tielet gimgha ta' Lulju hija rceviet il-permess ta' residenza.

[2] Dok NG2 a fol. 51.

Illi t-Tribunal jinnota illi meta r-rikorrent issottomettiet l-ewwel applikazzjoni, u cioe` fis-27 ta' Lulju 2016, hija diga kellha f'idejha l-permess ta' residenza. Madankollu hija xorta iddikjarat li ttrasferiet ir-residenza taghha f'Dicembru 2015. Illi dan it-Tribunal ma jarax li hemm spjegazzjoni plawsibbli ghaliex fi ftit jiem hija biddlet id-data tat-trasferiment tar-residenza taghha. Jista' jkun li hija rrealizzat, anke bl-informazzjoni aggunta fil-parti informattiva tat-tieni applikazzjoni, li jekk terga' tnizzel il-perjodu ta' Dicembru 2015 hija ma kinitx se tikkwalifika ghall-ezenzjoni u ghalhekk bidlet il-perjodu skond il-konvenjenza. Illi t-Tribunal kellu l-okkazjoni jisma' lir-rikorrenti u huwa ben car illi r-rikorrenti hija persuna li taf tajjeb titkellem bl-Ingliz u kwindi ghandu ghalxiex jahseb li taf taqra l-istess lingwa ben tajjeb ukoll. Illi rilevanti hu wkoll il-fatt li l-ewwel applikazzjoni ntbaghtet lilha f'Mejju 2016 wara li r-rikorrenti talbet informazzjoni dwar il-procedura biex tapplika ghall-ezenzjoni. Fl-*email* esebita minnha stess a fol. 49 hija tistqarr illi hija u zewgha jixtiequ jirrisjedu hawn Malta. Di piu` fl-istess e-mail hemm imnizzel illi l-vettura in kwistjoni kienet ilha registrata f'isem ir-rikorrenti minn Ottubru 2015. Ai termini tar-Regolament 4 (3) (a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.01 dan huwa mpediment sabiex tali vettura tigi ezentata mit-taxxa ta' registrazzjoni peress li l-istess vettura riedet tkun ilha registrata **f'isimha** mill-inqas erba' u ghoxrin (24 xahar) qabel hija ttrasfriet ir-residenza taghha hawn Malta. Kwindi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi accettat illi r-rikorrenti hadet ir-residenza taghha hawn Malta f'Lulju 2016 xorta ma kinitx tikkwalifika ghall-ezenzjoni in vista li l-vettura kienet ilha registrata f'isimha minn Ottubru 2015, u cioe` inqas mit-terminu ta' sentejn stipulati fil-ligi.

Illi ghaldaqstant, it-Tribunal, iqis illi fic-cirkostanzi tal-kaz u abbazi tad-dettalji iddikjarati mill-istess rikorrenti, il-Bord intimat ma ha l-ebda decizjoni li tista' ragjonevolment tigi kkunsidrata bhala wahda irragjonevoli. **Madankollu, it-Tribunal jixtieq jirrileva illi huwa ma jaqbel xejn ma' kif qed jizvolgu l-affarijiet meta wiehed japplika ghall-ezenzjoni *de quo*.** Jirrizulta illi l-ewwel kuntatt li applikant qieghed ikollu hu mal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u li l-applikazzjoni nnifisha tinghata mill-ufficini tal-istess Awtorita`. Illi fil-fehma tat-Tribunal din hija prattika hazina u dan ghaliex, kif riskontrat anke f'appelli ohra, l-applikanti jista' jkun li qeghdin jinghataw informazzjoni mhux daqshekk preciza mill-impjegati tal-istess Awtorita`. Jirrizulta illi wara li l-applikazzjoni tigi sottomessa ghand l-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` da parti taghha tghaddiha lill-Ministeru tal-Finanzi. **Illi t-Tribunal jawspika illi din il-prassi tigi riveduta fis-sens illi kull min irid jikseb informazzjoni dwar ezenzjoni mit-taxxa tar-registrazzjoni ghandu jiksibha mill-**

**Ministeru tal-Finanzi u mhux mill-Awtorita` intimata stante li hu biss il-Ministeru intimat li jiddeciedi dwar tali applikazzjoni tramite l-Bord mahtur appozitament. Illi ghaldaqstant ikun ghaqli li tali applikazzjonijiet jibdew jigu ricevuti mill-Ministeru intimat biex b'hekk applikant ikun jista' jinghata l-informazzjoni mitluba korretta. Ghal dan il-ghan it-Tribunal qieghed jordna notifika ta' din is-sentenza lill-Ministru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment u lill-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali.**

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata u jilqa' t-tieni eccezzjoni taghha u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Ministru intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**